**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 28 ta' Frar 2025

**Il-Pulizija**
(Spettur Gabriel Micallef)
**vs**
**Keith Pace**
(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0560586M)
**Maria Grixti**
(Detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 0003577M)
u
**Desideria Grixti**
(Detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 0036697M)

**Il-Qorti,**

Rat li Keith Pace, ta' Nazzjonalità Maltija, ta' 44 sena, iben Lawrence u Emanuela nee' Vella, imwieled ġewwa l-Pieta' nhar l-10 ta' Lulju 1980, u residenti ġewwa 49, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, Malta, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0560586M, Maria Grixti, ta' Nazzjonalità Maltija, ta' 48 sena, bint Alfred u Angela nee' Azzopardi, imwielda ġewwa l-Pieta' nhar l-10 ta' Novembru 1976, u residenti ġewwa Rodnar Court, Flat 3, Triq il-Knisja, Xgħajra, Malta, detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0003577M, u Desideria

Grixti, ta' Nazzjonalità Maltija ta' 28 sena, bint Maria Grixti, imwielda ġewwa l-Pieta' nhar il-21 ta' Jannar 1997, u residenti ġewwa 80, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, Malta, detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0036697M, tressqu taħt arrest u ġew akkużati talli:

*Nhar is-26 ta' Frar tas-sena 2025, filgħaxija, ġewwa l-belt Valletta:*

*1. Użaw vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u/jew sfurzaw, sabiex iġiegħlu lill-Alexander Borg, Shanaya Farrugia, u Ruslana Barbara u/jew persuni oħra jagħmlu, iħallu jsir, jew jonqsu milli jagħmlu xi ħaġa, jew sabiex inaqqsu l-abbiltajiet tal-persuni jew jiżolaw tali persuni jew sabiex illimitaw l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg.*

*2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ikkawżaw lill Alexander Borg, Shanaya Farrugia, u Ruslana Barbara u/jew persuni oħra, biża' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta tagħhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna imsemmija fl-artiklu 222(1) tal-kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.*

*3. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ħebbew kontra Alexander Borg, Shanaya Farrugia, u Ruslana Barbara u/jew persuni oħra sabiex jinġurjahom, idejquhom, jew jagħmlulhom ħsara b'xi mod.*

*4. Kif ukoll dan li fl-istess data, lok u ċirkostanzi insulentaw, heddu jew ingurjaw bi kliem jew b'mod ieħor lill Alexander Borg, Shanaya Farrugia, u Ruslana Barbara u/jew persuni oħra.*

*5. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.*

*6. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi qalu kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħha fil-pubbliku.*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Alexander Borg, Shanaya Farrugia, u Ruslana Barbara billi toħrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, int alla sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiżi ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Għaldaqstant filwaqt li l-Uffiċjal Prosekutur eżebixxa il-fedina penali u estratti mill-att tat-twelid tal-imputati, talab li dan il-każ jigi trattat skond il-liġi.

Rat li llum stess wara li l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma l-akkużi, l-Qorti ordnat li jsir l-eżami tal-imputati, u li huma wieġbu ħatja għal-akkużi miġjuba kontrihom.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputati, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-imputati sabiex jerġgħu jikkonsultaw mal-Avukati tagħhom, u tathom wkoll żmien biex jerġa jikkonsidraw l-ammissjoni, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-imputati jekk hux qed jikkonfermaw l-ammissjoni tagħhom, huma kkonferma l-ammissjoni.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħatja ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tagħhom.

Il-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew l-akkużi fi stadju bikri tal-proċeduri, u li huma skużaw ruħhom fil-Qorti bil-miftuħ, u l-partijiet ċivili kif rappreżentati aċċettaw l-iskuża. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt li l-imputata Desideria Grixti għamlet apoloġija tramite mezzi soċjali qabel nbdew dawn il-proċeduri.

Ikkunsidrat li l-involviment ta' l-imputata Maria Grixti kien wieħed minimu, u li l-fedina penali tal-imputati Maria Grixti u Desideria Grixti għalkemm mhux netta mhix xi waħda allarmanti. Mhux l-istess jista jingħad dwar il-fedina penali tal-imputat Keith Grixti, li għandu fedina penali kemxejn allarmanti.

Ikkunsidrat li l-ewwel żewġ imputazzjonijiet huma alternattivi għal xulxin.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 17, 251(1), 251(3) , 339(1)(d), 339(1)(e), 338(dd) u 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputat stess il-Qorti ssib lill-imputat Keith Pace, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0560586M ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal żmien erba' (4) snin mil-lum.

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabiltà tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija jew jekk ma jsegwix id-direttiva fuqu imposta a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u dan in segwitu għal dak kontemplat bl-artikolu 28H(8) tal-Kodiċi Kriminali.

Wara li rat l-Artikoli 17, 251(1), 251(3) , 339(1)(d), 339(1)(e), 338(dd) u 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputata stess il-Qorti ssib lill-imputata Maria Grixti, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 0003577M ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil konfront tagħha, u peress li l-Qorti hi tal-fehma li, fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, u x-xorta tar-reat, u l-karattru tal-ħatja, m'huwiex spedjenti li twaħħal piena u l-ordnijiet l-oħra fil-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta m'humiex adatti, l-Qorti tillibera lill-ħatja Maria Grixti, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 0003577M bil-kondizzjoni li ma tagħmel ebda reat matul il-perjodu ta' sena (1) mid-data ta' din l-ordni.

Wara li rat l-Artikoli 17, 251(1), 251(3) , 339(1)(d), 339(1)(e), 338(dd) u 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputata stess il-Qorti ssib lill-imputata Maria Grixti, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 0003577M ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil konfront tagħha, u peress li l-Qorti hi tal-fehma li, fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, u x-xorta tar-reat, u l-karattru tal-ħatja, m'huwiex spedjenti li twaħħal piena u l-ordnijiet l-oħra fil-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta m'humiex adatti, l-Qorti tillibera lill-ħatja Maria Grixti, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 0003577M bil-kondizzjoni li ma tagħmel ebda reat matul il-perjodu ta' sena (1) mid-data ta' din l-ordni.

Wara li rat l-Artikoli 17, 251(1), 251(3) , 339(1)(d), 339(1)(e), 338(dd) u 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputata stess il-Qorti ssib lill-imputata Desideria Grixti, detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0036697M ħatja tal-imputazzjonijiet

miġjuba fil konfront tagħha, u peress li l-Qorti hi tal-fehma li, fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, u x-xorta tar-reat, u l-karattru tal-ħatja, m'huwiex spedjenti li twaħħal piena u l-ordnijiet l-oħra fil-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta m'humiex adatti, l-Qorti tillibera lill-ħatja Desideria Grixti, detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0036697M bil-kondizzjoni li ma tagħmel ebda reat matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din l-ordni.

Il-Qorti ai termini tal artikolu 22(3) tal Kapitolu 446 fehmet bi kliem li jiftiehem lill-imputati Maria Grixti u Desideria Grixti l-effetti ta' din is-sentenza, u li jekk huma jagħmlu xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huma jkunu jistgħu jingħataw sentenza għar-reat oriġinali, kif ukoll sentenza għar- reat li jkun sar waqt il-perjodu ta' liberazzjoni.

Il-Qorti ulterjorment tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħatja kollha għal protezzjoni ta' Alexander Borg, Shanaya Farrugia, u Ruslana Barbara liema ordni tkun għal perjodu ta' sentejn (2) skont il-kondizzjonijiet msemmija fid-digriet ta' din il-Qorti tal-lum stess u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti finalment tordna l-komunika ta' din is-sentenza u ordnijiet maħruġa llum u li jifformaw parti minnha lill-Kummissarju tal-Pulizija. Tordna ukoll in-notifika tal-Ordni ta' Trażżin lill-partijiet leża.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kkontemplata abbażi tal-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li ma jirriżultax mill-atti proċesswali li ġew maħtura xi esperti jew periti.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------